MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 659/2007

Chev. Louis Scerri Montaldo f'ismu propju u bhala Granmastru ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Ordni Sovrana ta' San Gwann ta' Gerusalemm
vs
Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Basilio Cali` u b'nota tat-12 ta' Ottubru, 2007 Basilio Cali` assuma l-atti

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent *nomine* li bih espona:

1. Illi r-rikorrent huwa s-76 Granmastru ta' l-Ordni Sovrana ta' San Gwann ta' Gerusalemm;

2. Illi l-intimat, ta' nazjonalita` Taljana, permezz ta' prattici frawdolenti u permezz ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u mezzi ohrajn qarrieqa ipprezenta ruhu bhala s-77 Granmastru ta' l-istess Ordni ma' banek, entitajiet

governattivi u ministeri sabiex jottjeni r-rikonoxximent ufficcjali bhala s-77 Granmastru ta' l-Ordni u fil-fatt kien lahaq wettaq atti amministrattivi ghan-nom ta' l-Ordni u sahansitra approprja ruhu indebitament minn flejjes appartjenenti l-Ordni depozitati ma' istituzzjonijiet bankarji kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi fil-fatt f'kaz iehor l-intimat diga` nstab hati minn Qorti Kriminali Taljana ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u uzurpazzjoni ta' titoli billi ippoza ta' ambaxxjatur meta fil-fatt ma kienx;

4. Illi r-rikorrent ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 792/2007RCP datat 12 ta' Gunju li permezz tieghu l-intimat gie inibit milli jwettaq kwalsiasi att amministrattiv bhala Granmastru ghan-nom ta' l-istess Ordni fil-Gzejjer Maltin;

5. Illi jehtieg li jigi dikjarat guridikament li s-77 Granmastru ta' l-Ordni ta' San Gwann ta' Gerusalemm ma jezistix u jigi accertat li l-intimat ma ghandu ebda titolu jew inkariku kwalsiasi fl-Ordni suriferita.

Ir-rikorrent *nomine* talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat Basilio Cali mhux is-77 Granmastru ta' l-Ordni Sovrana ta' San Gwann ta' Gerusalemm;

2. Tinibixxi lill-intimat milli jwettaq kwalsiasi att amministrattiv jew rapprezentattiv ta' l-istess Ordni suriferita taht is-sanzjoni tad-disprezz ta' l-Awtorita` tal-Qorti;

3. Tikkonferma definittivament il-mandat ta' inibizzjoni numru 792/2007RCP datat 12 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet "**Chev. Louis Scerri Montaldo f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Ordni Sovrana ta' San Gwann ta' Gerusalemm ID Card No. 207576 (M) vs Basilio Cali**".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 792/2007RCP kontra l-intimat li gie ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent *nomine*.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimat li biha espona:

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent ma seta qatt jagixxi f’isem l-Ordni Sovrana ta’ San Gwann ta’ Gerusalemm in kwantu huwa m’ghandu ebda rapprezentanza ta’ l-istess -din hi vestita fil-persuna ta’ l-intimat. In ogni kaz ir-rikorrenti jrid igib prova tal-mandat li huwa jallega li ghandu biex jagixxi f’isem l-istess Ordni;

2. Illi isegwi minn dak hawn fuq eccepit illi r-rikors *de quo* huwa, jekk mhux fl-intier tieghu, almenu ghall-dik il-parti fejn ir-rikorrent qed jagixxi ghan-nom ta’ l-Ordni, null, *stante* li l-istess rikorrenti m’ghandu ebda setgha jagixxi f’isem l-istess Ordni;

3. Illi r-rikorrent f’ismu personali m’ghandu ebda interess guridiku jippromwovi r-rikors *de quo* in kwantu huwa gie mnehhi mill-kariga ta’ Gran Mastru meta b’decizjoni unanima ta’ l-assemblea, riunita fil-5 ta’ Dicembru 2006, ir-rikorrent gie misjub hati li dahal f’arrangamenti li jmorru kontra l-interessi ta’ l-Ordni u *di piu`* beda johrog passaporti diplomatici li mhux biss huma illegali izda anzi huma mill-istess Ordni projbiti (kopja tad-Decizjoni u verbal tat-tnehhija giet annessa mar-risposta u immarkata bhala Dok. BC1;

4. Illi l-intimat mhux il-legittimu kontradittur billi hu nhatar bhala l-Gran Mastru ta’ l-Ordni Sovrana ta’ Gerusalemm b’decizjoni unanima ta l-assemblea ta’ l-istess Ordni riunita fil-5 ta’ Dicembru 2006 u ghalhekk *semmai* kwalsiasi azzjoni tar-rikorrenti kellha tkun indirizzata fil-konfront tad-decizjoni ta’ din l-assemblea u l-membri taghha u kontra l-istess Ordni li minnu gie rimoss u minfloku gie mahtur l-intimat;

5. Illi tali procedura saret skond ir-regoli ta’ l-Ordni tant li r-rikorrenti fl-ebda hin, fir-rikors promotur, m’hu qed jisfida l-validita` ta’ dawn il-proceduri ta’ tnehhija;

6. Illi sussegwentement it-talbiet tar-rikorrent ma jistghux jigu milqugha in kwantu fl-ebda hin ma ntalab li l-proceduri li bihom tnehha r-rikorrent mill-kariga u floku tpogga l-intimat, ghandhom jigu dikjarati nulli jew bla ebda effett fil-Ligi. *Difatti* gie rilevat illi lanqas referenza ghall-istess procedura m’hemm fil-korp kollu tar-rikors. Ir-rikorrent bhal qisu qed jipprova jahrab l-akkadut u b’hekk zgur li l-ewwel talba ma tistax tintlaqa’ u ghandha tigi michuda;

7. Illi fl-istess assemblea tal-5 ta’ Dicembru 2006 gie unanimament maqbul illi l-Gran Mastru l-gdid ta’ l-Ordni kellu jkun l-intimat Basilio Cali` u fil-fatt permezz ta’ decizjoni unanima l-intimat don Basilio Cali` di Rodez gie mahtur bhala s-77 Gran Mastru ta’ l-Ordni Sovrana ta’ San Gwann ta’ Gerusalemm - *Chevaliers de Malte*. (*Vide* Dok. BC1). In segwitu ghal din il-hatra, b’effett mill-1 ta’ Jannar 2007 s-77 Princep Gran Mastru S.E. don Basilio Cali` (l-intimat odjern) akkwista r-rapprezentanza legali u guridika totali ta’ l-istess Ordni Sovrana ta’ San Gwann ta’ Gerusalemm - *Chevaliers de Malte* u kwindi r-rikorrent m’ghandu ebda interess guridiku biex jippromwovi din il-kawza;

8. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma legalment u fattwalment insostenibbli u kwindi l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u *inter alia* t-tieni talba hija wkoll insostenibbli legalment billi l-intimat ma jistax jigi inibit milli jwettaq atti amministrattivi jew rappresentattivi ta’ l-istess ordni in kwantu, anke jekk, *dato ma non concesso*, l-argument tar-rikorrent, li l-intimat mhux il-Gran Mastru huwa validu, il-kariga tieghu fl-ordni ta’ Gran Kancillier taghtih dawk is-seghtat amministrattivi u rappresentattivi;

9. Illi jsegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi hija insostenibbli legalment u fattwalment;

10. Illi l-allegazzjonijiet kollha msemmija fir-rikors promutur *inter alia* dwar frodi u falsifikazzjonijiet da parti ta' l-intimat huma ghal kollox inveritjieri u totalment infondati. *Difatti* l-eccipjenti huwa bniedem liberu minn kull akkuzi jew adirittura sentenzi tant li gie liberat mill-Qorti ta' l-Appell ta' Catania tal-5 ta' Ottubru 2007 li kopja tas-sentenza giet annessa mar-risposta u immarkata Dok. BC2. Illi l-intimat hassu ingurjat b'tali allegazzjonijiet u ser jintavola l-opportuni proceduri ghall-malafama u spergur;

11. Illi r-rikors promotur u t-talbiet konsegwenzjali huma irriti in kwantu m'humiex talbiet ghas-salvagwardja tad-drittijiet tar-rikorrent izda huma bazati fuq pika da parti tar-rikorrent li spicca tnehha mill-kariga u kwindi din il-Qorti m'ghandiex isservi ta' *forum* biex biha jinqeda r-rikorrenti.

Salv jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi fid-19 ta' Ottubru, 2011 (fol 124) l-intimat ipprezenta rikors fejn qal hekk:

"1. Illi fl-udjenza tal-lum quddiem dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti kien informa lill-istess Qorti illi huwa kien bi hsiebu jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, ghall-ispedizzjoni iktar facli, li min-natura taghha, jekk tigi milqugha ghandha twassal li l-kawza ma tibqax tiehu l-kors normali taghha, u allura lanqas ma jkun hemm bzonn li jinstemghu izjed xhieda;

2. In-natura tal-eccezzjonijiet ulterjuri hija tali wkoll li tirrikjedi d-decizjoni minn dina l-Qorti sabiex hemm il-htiega, qed jigi sottomess, illi l-eccezzjoni tigi trattata u tinghata sentenza dwar l-istess u allura l-inkartament tal-kawza li bhalissa jinsab quddiem l-Assistent Gudizzjarju jrid jigi ritornat lill-Qorti mill-istess Dr. Yvette Cassar.

Ghaldaqstant l-esponenti, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess tammettieh jipprezenta l-istess nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri sabiex dina tkun tista' tigi nnotifikata lill-kontroparti u meta dan isehh, il-Qorti tordna lill-Assistent Gudizzjarju tirritorna l-inkartament sal-lum f'idejha, tissospendi l-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi sabiex f'kaz li tkun gja saret in-notifika opportuna lill-attur sad-data tal-udjenza li jmiss, il-Qorti tkun tista', f'dik id-data, tisma' x'ghandhom x'jghidu l-partijiet dwar din l-eccezzjoni ulterjuri li hija purament ta' natura legali, sabiex il-kawza tkun tista' tithalla ghas-sentenza fuq dina l-eccezzjoni u skond kif imur l-ezitu ta' dik is-sentenza, jew il-kawza tigi maqtugha finalment, jew jekk tigi respinta l-eccezzjoni ulterjuri, il-kawza tkompli l-kors normali taghha."

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' Basilio Cali` li tghid hekk:
"1. Illi din il-kawza m'hijiex proponibbli skond il-Ligi li m'ghandha l-ebda gurizdizzjoni tiddeciedi fuq materja ta' titoli ta' nobbilita`, unuri u Dekorazzjonijiet Barranin u dana *ai termini* tal-Att. 251 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-artikolu 29(4) tal-istess. Dan il-principju tal-inammissibbilita` u nuqqas ta' gurizdizzjoni li kawza dwar titoli nobbiljari u d-decizjoni dwar min ghandu jkollu jew f'isem min ghandu jkun titolu jew titoli ta' din in-natura, gie kkonfermat minn diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna, u senjatament fis-sentenza moghtija min dina l-Qorti diversament ppreseduta fl-ismijiet **Corinne Ramsay u Christiane Ramsay Pergola vs John Bugeja *et***, citazz. nru. 1722/2001JA, fit-30 ta' Jannar 2004 (li kopja taghha giet annessa u immarkata bhala Dok. KG1);

2. Illi ghaldaqstant, l-esponenti jitlob illi abbazi ta' dina l-eccezzjoni ulterjuri, dina l-Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra tieghu."

Rat ir-risposta tar-rikorrent ghar-rikors ta' l-intimat fejn inghad:
"Illi huwa jopponi ghat-talba ta' Basilio Cali` *stante* li fl-ewwel lok din l-eccezzjoni *semmai* kellha tigi intavolata *in limine litis* u kwindi m'hix ammissibbli f'dan l-istadju.

Illi *inoltre* s-sentenza precitata nghatat fl-2004 u cioe` tliet snin qabel giet intavolata l-istess kawza odjerna u kwindi Basilio Cali` kellu kull opportunita` sabiex jintavola eccezzjoni preliminari f'dan is-sens puntwalment mal-prezentata tal-eccezzjonijiet originali.

Illi *di piu`* r-rikorrent qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq frodi u misapproprijazzjoni tat-titolu ta' Granmastru ta' l-Ordni, *inoltre*` li hija ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, u mhux ricerka ta' titolu kif inhi s-sentenza precitata minn Basilio Cali`.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob li din il-Qorti joghgobha tichad it-talba ta' Basilio Cali` salv kull procediment iehor li jidhrilha xieraq tordna din l-Onorabbli Qorti."

Fl-14 ta' Novembru, 2011 il-Qorti iddegretat fis-sens li ordnat is-smigh tar-rikors fit-12 ta' Dicembru, 2011 fid-9.30 a.m. izda peress li ma dehrux il-partijiet iddifferiet ghall-15 ta' Frar, 2012 f'liema data la deher ir-rikorrent u anqas Dr. Gavin Gulia. F'dik id-data l-Qorti laqghet it-talba ghall-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri minhabba l-allegazzjoni li l-kawza mhux proponibbli skond il-ligi u ghalhekk tolqot id-dritt tal-Qorti li tismaghha. F'dik id-data l-Qorti tat lil Dr. Grima sas-27 ta' Frar, 2012 biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-visto jew notifika tal-kontro parti li jkollha sas-16 ta' Marzu, 2012 ghal nota responsiva u halliet il-kawza ghall-21 ta' Marzu, 2012 ghas-sentenza.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***<u>C1. Il-ligi u decizjonijiet tal-Qrati Maltin f'kazijiet simili:</u>***

Illi l-artikolu 29(4) tal-Kap 251 jghid:
"Huwa d-dmir ta' kull uffiċjal pubbliku jew awtorità pubblika, u ta' kull korp imwaqqaf jew rikonoxxut mil-liġi u ta' kull imsieħeb miegħu, li ma jirrikonoxxi b'ebda mod, u li ma jagħmel xejn li jista' jfisser rikonoxximent ta', xi titolu ta' nobbiltà jew xi unur, għotja, dekorazzjoni, sħubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skont id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq ta' dan l-artikolu."

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tad-29 ta' Lulju, 1983 per Imhallef Wallace Gulia fl-ismijiet **Nutar Anthony Grech Trapani *nomine* vs Lt. Col. Robert Gayre**, Citazz. Nru. 132/78, fejn il-Qorti kienet qalet:
"Ikkunsidrat illi minghajr ma hemm bzonn li wiehed jidhol *funditus* fl-eccezzjoni huwa fatt illi ebda awtorita` pubblika ma tista' tirrikonoxxi b'ebda mod jew taghmel xejn li jista' jfisser rikonoxximent ta' xi titolu ta' nobilta` jew ta' xi unur. Illi minn dan jigi li ebda Qorti ta' Malta ma tista' tiehu konjizzjoni ta' kawza bhal din li fiha l-attur qieghed jikkwalifika ruhu bit-titolu sovran ta' "Princep Cesare D'Altavilla Sicilia - Napoli" u li fiha dan l-istess attur qieghed jipprocedi ghar-rizarciment tad-danni ghaliex dan it-titolu sovran kien deskritt bhala inezistenti;

Ikkunsidrat illi f'dan l-istadju pregudizzjali l-Qorti ghandha biss tindaga: l-ewwel jekk il-kawza tirrigwardax titolu nobiljari u t-tieni, jekk fil-kaz illi l-Qorti tiehu b'xi mod konjizzjoni ta' din il-kawza dan jimplikax b'xi mod dan ir-rikonoxximent li l-ligi tipprojbixxi;

Ikkunsidrat kwantu ghall-ewwel kunsiderazzjoni li "*l'indole di una azione non devesi tanto desumere dalle espressioni, piu` o meno esatte, onde e` formulata la domanda, quanto dal suo oggetto e dallo scopo cui tende (***Contrammiraglio Lloyds vs Bantherie Scicluna**, 15 ta' Frar, 1899, Imhallef Giovanni Pullicino). Issa f'din il-kawza l-attur qieghed jippretendi li kien ingurjat ghax it-titlu sovran (bla dubju nobiljari) li bih huwa qed jiddeskrivi ruhu kien ikkwalifikat mill-konvenut bhala inezistenti, u

kwindi l-attur qed jitlob id-danni. L-oggett u l-iskop tal-gudizzju huwa dak li l-attur jissodisfa lill-Qorti li hu verament ghandu t-titolu li jirreklama u li per konsegwenza ghandu dritt ghad-danni jekk l-att il-konvenut innegalu t-titlu tieghu. Dan huwa tant veru li fid-dikjarazzjoni l-attur offra li jipprova l-kuntrarju ta' dak li kiteb il-konvenut, cioe` li t-titlu tieghu hu genwin;

Ikkunsidrat illi hu ovvju ghalhekk illi jekk ghall-grazzja tal-ipotesi l-Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-attur huwa verament investit bit-titlu sovran ta' Princep ta' Altavilla Sicilia - Napoli u tikkundanna ghad-danni lil dak li jkun ikkontesta l-ezistenza ta' dak it-titlu fl-attur, allura l-Qorti tkun qieghedha tmur kontra l-obbligu kategoriku impost mil-ligi li ma tirrikonoxxix b'ebda mod l-ezistenza ta' titolu jew unur hlief dawk imsemmija fil-ligi. Infatti fost dawn imsemmija bhala ezentati mill-projbizzjoni tal-ligi ma hemmx dak li qieghed jippretendi l-attur, li la hu unur lokali u lanqas titolu moghti lilu minn Stat jew Ordni Sovran li qieghed f'relazzjonijiet diplomatici ma' Malta;…"

Din is-sentenza kieniet appellata izda bazikament konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili b'sentenza tat-8 ta' Mejju, 1991 fejn intqal:

"4. Issa hu ovvju li jekk l-attur huwa verament dak li jghid li hu, allura, dak li jasserixxi l-ktieb huwa fil-konfront tieghu ingurjuz, billi kif inghad, jikkwalifikah bhala impustur; izda biex din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi jekk hemmx l-ingurja jew le f'dan il-kaz, bil-fors trid tezamina l-fondatezza *o meno* tat-titolu li jivvanta l-attur u ghalkemm dan ma jammontax ghal konferiment tat-titolu lill-attur certament jammonta ghal rikonoxximent tieghu. Ghalhekk, sewwa issottomettew il-konvenuti u sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti li prepost ghad-domanda attrici b'mod inxindibbli minnha huwa l-ezami tal-fondatezza tat-titolu pretiz mill-attur - ghaliex jew l-attur verament hu l-Princep ta' Altavilla, Sicilia, Napoli u kap tal-Kazat Rejali Normann u allura l-ktieb hu ingurjuz fil-konfront tieghu jew inkella mhux xejn minn dan u allura huwa impustur kif fil-fatt jiddeskrivih l-awtur. Hawn jidhol dak li hemm stabbilit fl-Att imsemmi ta' l-1975;

5) X'jghid l-artikolu 20 (4) ta' l-Att imsemmi diga huwa deskritt fis-sentenza appellata. Isegwi minn dak is-subartikolu li huwa dmir ta' din il-Qorti bhala Awtorita` Pubblika li bl-ebda mod ma tirrikonoxxi jew taghmel xi haga li tista' tfisser rikonoxximent ta' xi titolu ta' nobilta' jew xi unur li mhumiex rikonoxxuti skond id-disposizzjonijiet precedenti ta' l-istess artikolu 20;…

9) Isegwi minn dan kollu li din il-Qorti bhall-ewwel wahda hi tal-ferma opinjoni li ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici minghajr ma tkun qed tikser id-disposizzjonijiet ta' l-Att imsemmi;"

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Jannar, 2004, Citazz. Nru. 1722/01JA fl-ismijiet **Corinne Ramsay *et* vs John Bugeja *et*** fejn intqal:
"Illi l-Qorti trid tiddeciedi dwar jekk ghandhiex gurisdizzjoni li tisma l-kawza minhabba il-provvediment tal-artiklu 29 (4) tal-Kap. 251 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi ebda ufficjal jew awtorita pubblika ma tista tirrikonoxxi bl-ebda mod u ma jaghmel xejn illi jista jfisser rikonoxximent ta' xi titolu ta' nobilita`.

In effetti l-atturi qed jitolbu n-nullita' ta' kuntratt pubbliku li sar fl-14 ta' Jannar 1985 in atti Nutar Jeanette Laferla Saliba illi permezz tieghu Joseph John Scicluna Testaferrata Moroni Viani innomina fit-titolu ta' Baruni ta' Tabrija lil Lilianina Bugeja, illum mejta u omm il-konvenuti. L-atturi qed isostnu li l-imsemmi Joseph John Scicluna Testaferrata Moroni Viani ma kellhux setgha jaghmel dan u in effetti stulfikia l-effett ta' dan l-att permezz ta' l-ahhar disposizzjonijiet testamentarji tieghu.

Il-konvenuti permezz tal-eccezzjonijiet taghhom qed isostnu illi in effetti, jekk il-Qorti tindaga dwar in-nullita' tal-kuntratt imsemmi tkun qed tirrikonoxxi indirettament it-titolu ta' nobilita'. L-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom qed jghidu illi huma qeghdin biss jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt.

Wiehed mill-ewwel jinduna li l-argument tal-atturi huwa wiehed li jaqa' fil-*petitio principii* jew kif jghidu bl-ingliz, *they are begging the question*. L-effett tad-dikjarazzjoni mitluba mill-atturi hu in effett li l-Qorti tiddetermina min ghandu d-dritt li jsejjah lilu nnifsu Baruni ta' Tabrija. Dan meta l-*mens legis* wara l-Kap 251 hu wiehed car. Il-legislatur ghamilha cara li ma' jibqax jirrikonoxxi titoli ta' nobilta' u ried ukoll illi ebda awtorita' pubblika ma' tibqa' tiehu konjizzjoni taghhom. Ma jikkoncerna xejn lis-socjeta' li wiehed isejjah lilu nniffsu Baruni jew Konti ta' fejn irid, u certament ma ghandhux jikkoncerna lill-Qorti. L-atturi stess jekk iridu, ghandhom kull dritt isejjhu lilhom infushom dak li jridu minghajr hadd ma jinvoka l-intervent tal-Qorti dwar dan. Hu car li l-legislatur ma jridx li l-organi pubblici jahlu l-hin taghhom dwar vertenzi simili.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk tiddikjara li ma ghandha ebda gurisdizzjoni tiddeciedi dwar it-talba tal-atturi, bl-ispejjes jigu sopportati mill-atturi u tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.**"

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef. A. Lofaro) fl-10 ta' April, 2008, Citazzjoni Numru 482/2005AL, fl-ismijiet **Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalita` tieghu bhala Gran Mastru ta' l-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri vs Carmel Sandro Calleja *et*** fejn inghad:

"Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja hija fis-sens illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizjoni tal-kawza odjerna u illi ghalhekk il-konvenut Carmel Sandro Calleja ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi f'dan ir-rigward il-konvenut Carmel Sandro Calleja ipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet fejn irrefera ghall-Kapitolu 251 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-Artikolu 28 u 29 tal-Kapitolu 251.

Illi l-Artikolu 28 (1) ta' l-imsemmi Kapitolu jipprovdi kif gej :

"It-titoli ta' nobbiltà m'humiex rikonoxxuti u kull privilegg jew dritt iehor ancillari ghal xi titolu bhal dak ghandu jispicca milli jkollu effett."

Illi l-Artiklu 28 (3) ta' l-istess att jghid kif gej :
"Kull kondizzjoni fl-att jew dokument iehor ta' fondazzjoni, jew f'xi dokument iehor, li jehtieg l-uzu ta' titolu ta' nobbiltà jew ta' xi isem jew deskrizzjoni ohra ghat-tgawdija ta' xi dritt ta' proprjetà ma jkollha ebda effett."

L-Artikolu 29 (1) ta' l-istess att jghid illi :
"Ebda unur, ghotja jew dekorazzjoni, u ebda shubija fi, jew kariga f'xi, ordni, ma jkunu rikonoxxuti jekk ma humiex moghtija taht dan l-Att, jew xi ligi ohra li tkun issehh f'dak iz-zmien jew jekk ma kienux jew ma humiex moghtija minn Stat Barrani jew Ordni Sovran li ghandu relazzjonijiet diplomatici ma' Malta u, jekk ma jigux moghtija bl-awtorità bil-miktub tal-President ta' Malta moghtija fuq il-parir bil-miktub tal-Kabinett...

Illi l-attur b'risposta ghal din is-sottomissjoni tal-konvenuti irribatta li fil-kaz odjern l-attur ser jipprova li in effetti huwa ghandu t-tregija ta' Ordni kavallereska dinastika bl-isem ta' Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri, izda b'dawn il-proceduri huwa mhuwiex qieghed jittanta li jkollu t-titolu tieghu rikonoxxut mill-istat. L-attur issottometta illi l-ilment tieghu huwa illi l-konvenut bi zlejalta` u abbuzivament qieghed jittanta jassumi t-tregija ta' din l-ghaqda u ghalhekk il-Qorti tista tindaga sabiex jekk dan huwa minnu l-attur jinghata r-rimedju effettiv. L-attur issottometta illi huwa bil-kawza odjerna mhuwiex qieghed jitlob illi jigi rikonoxxut bhala Gran Mastru mis-socjeta' in generali u lanqas mhu qed jitlob ir-rikonoxximent ta' l-Ordni minn terzi. It-talba tieghu hija specifika fis-sens illi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda jedd jintromettu ruhhom fit-tregija ta' din l-ghaqda in kwistjoni b'mod abbuziv jew b'mezzi qarrieqa.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ezaminat il-premessi u t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni odjerna u minnhom jirrizulta, precizament mill-

permessi, illi l-attur jghid illi ilu li gie mahtur Gran Mastru *ad vitam* ta' l-Ordni “Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri” sa mill-5 ta' Dicembru 1986. L-attur jipprometti illi l-konvenuti, b'mod abbuziv u illegali, qeghdin falsament jipprestaw lilhom infushom, l-intimat Calleja bhala Vigarju Gran Mastru ta' l-Ordni de quo, u l-konvenut Formosa bhala Gran Kancillier ta' l-istess Ordni, juzaw '*letterheads*' bl-istess emblema u isem tal-Ordni u jorganizzaw laqghat hawn Malta. L-attur ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru / Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament ta' l-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament *stante* li mhumiex awtorizzati. Il-Qorti giet mitluba tordna lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jipprestaw ruhhom f’dawn il-karigi rispettivi ta' l-Ordni imsemmija, u sabiex jiddesistu milli jagixxu f’isem l-istess ordni. Il-Qorti giet mitluba tikkonferma l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 fl-ismijiet premessi.

Illi l-atturi in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom iridu jesebixxu diversi dokumenti dwar il-hatra / hatriet u koncessjonijiet ohra maghmula favur l-attur u skond l-attur f’dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-attur gie mahtur Gran Mastru mill-mejjet Dimitri Dimitrevich di Russia.

Illi issir ukoll referenza ghall-profil storiku guridiku ta’ l-ordni *de quo* li allegatament giet inkorporata fid-dinastija Rjurik fl-1669…

Ikkunsidrat :

Illi filwaqt illi huwa minnu illi l-attur mhuwiex jitlob illi jigi rikonoxxut bhala Gran Mastru ta’ l-Ordni in kwistjoni il-Qorti qeghda tigi mitluba tiddikjara illi meta l-konvenuti ipprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru / Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament ta' l-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament stante li mhux awtorizzati u l-Qorti giet mitluba tordnalhom jiddesistu milli jipprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru / Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament ta' l-Ordni imsemmija u

sabiex jiddesistu milli jagixxu f'isem l-istess ordni *inter alia*.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi ir-rikonoxximent da parti taghha ta' l-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri hija implicita sabiex hija tkun tista tiddeciedi din il-kawza ghaliex altrimenti kif tista l-Qorti tiddeciedi illi l-konvenuti ma ghandhomx il-kariga ta' Vigarju Gran Mastru / Reggent u ta' Gran Kancillier rispettivament ta' l-Ordni imsemmija.

Illi wkoll il-kawza kollha hija ibbazata fuq il-premessa illi l-attur ilu li gie mahtur Gran Mastru ad vitam ta' l-Ordni imsemmija sa mill-5 ta' Dicembru 1986 u il-Qorti trid bil-fors tara jekk dan huwiex minnu mid-dokumenti kollha imsemmija mill-attur illi huwa irid jesebixxi jekk din il-kawza ser tigi deciza. Il-Qorti trid ukoll tezamina il-gerarkija tad-dinastija Russa Rjurik. L-Istatut ta' l-istess ordni imsemmija kif ukoll id-Dokument illi isemmi il-konvenut Calleja datat 29 ta' Lulju ta' l-2000 mahrug mill-Principe Alto Patrono, Dimitrij di Russia u indirizzat lill-konvenut Calleja.

Ikkunsidrat :

Illi wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 28 u 29 tal-Kapitolu 251 hija tara illi mhux biss ma tista' tirrikonoxxi bl-ebda mod xi titolu ta' nobbilta` jew xi unur, ghotja, dekorazzjoni, shubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skond id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq ta' dan l-artikolu, izda lanqas ma tista' taghmel xejn li jista jfisser tali rikonoxximent.

Huwa car daqs il-kristall illi jekk il-Qorti tidhol fil-meritu ta' din il-kawza tkun qeghda proprju taghmel haga li tista' tfisser dan it-tip ta' rikonoxximent.

Illi jekk il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici tkun qeghda tikser id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 251 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut

Carmel Sandro Calleja u tiddikjara illi ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza;…"

***C2. Eccezzjoni in limine litis:***

Fir-risposta tieghu r-rikorrent Scerri Montaldo sostna li din l-eccezzjoni messha nghatat *in limine litis* u mhux fl-istadju li saret. Izda dan l-aspett huwa qedghin nitkellmu fuq *public policy* u sollevabbli *ex officio* ghalkemm il-Qorti kienet halliet il-prosegwiment tal-kawza ghax xtaqet li tali eccezzjoni titqajjem mill-parti u mhux tkun hi li tissollevaha.

Il-Kap 251 jitkellem dwar titolu ta' nobbilta`, unuri u Dekorazzjonijiet Barranin u dan jaghmilha cara li kawza ma tistax titressaq quddiem il-Qorti Civili meta l-kaz jirrigwarda titoli ta' nobbilta` jew simili. Il-ligi ma tirrikonoxxix tali titoli u ghalhekk ma jistax ikollok decizjoni tal-Qrati li propju tirrikonoxxi tali titolu jew tiddikjarah jew li tiddikjara li persuna ma ghandhiex dan it-titolu.

Skond l-Artikolu 732(1) eccezzjoni perentoraja kif inhi dik issolevata ulterjorment mill-intimat tista' sahansitra tinghata fl-istadju ta' l-appell.

***C3. Kunsiderazzjonijiet importanti li jemergu:***

Mill-artikolu 29(4) tal-Kap 251 johrog li huwa d-dmir ta'din il-Qorti li ma tirrikonoxxi b'ebda mod, u li ma jagħmel xejn li jista' jfisser rikonoxximent ta', xi titolu ta' nobbiltà jew xi unur, għotja, dekorazzjoni, sħubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skont id-disposizzjonijiet tal-ligi. Il-Qorti ghandha f'dan l-istadju biss tindaga jekk il-kawza tirrigwardax titolu nobiljari u t-tieni, jekk fil-kaz illi l-Qorti tiehu b'xi mod konjizzjoni ta' din il-kawza dan jimplikax b'xi mod dan ir-rikonoxximent li l-ligi tipprojbixxi. Issa f'din il-kawza r-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara li l-intimat Basilio Cali mhux is-77 Granmastru ta' l-Ordni Sovrana ta' San Gwann ta' Gerusalemm; u li tinibixxi lill-intimat milli jwettaq kwalsiasi att amministrattiv jew rapprezentattiv ta' l-istess Ordni suriferita taht is-sanzjoni tad-disprezz ta' l-Awtorita` tal-Qorti; fil-premessi semma li r-rikorrent huwa s-76

Granmastru ta' l-Ordni Sovrana ta' San Gwann ta' Gerusalemm. Ghalhekk l-iskop tal-gudizzju huwa dak li l-attur jissodisfa lill-Qorti li hu verament ghandu t-titolu u li l-intimat mhux is-77 Granmastru ta' l-Ordni Sovrana ta' San Gwann ta' Gerusalemm.

Ikkunsidrat illi ghalhekk jekk ghall-grazzja ta' l-argument l-Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-attur ghandu ragun fit-talbiet tieghu tkun qieghedha tmur kontra l-obbligu kategoriku impost mil-ligi li ma tirrikonoxxix b'ebda mod l-ezistenza ta' titolu jew unur hlief dawk imsemmija fil-ligi. Hi tkun qed tezamina l-fondatezza tat-titolu pretiz mir-rikorrent. Issa l-Qorti hija obbligata li ma tirrikonoxxix jew taghmel xi haga li tista' tfisser rikonoxximent ta' xi titolu ta' nobilta` jew xi unur li mhumiex rikonoxxuti. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tidhol biex tezamina t-talbiet tar-rikorrent.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Dan iwassal lill-Qorti takkolji l-eccezzjoni tal-karenza tal-gurisdizzjoni u konsegwentement tiddisponi mill-kaz billi ma tiehux konjizzjoni aktar tieghu u tordna l-kancellament tal-kawza mil-lista tas-smigh.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------